

Brussell, 8 ta' Lulju 2026
(OR. en, sk)

11393/26
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0150(COD)

AGRI 565
AGRIFIN 134
CODEC 1375

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward ta' tip speċifiku ta' intervent biex jiġi pprovdut appoġġ temporanju eċċezzjonali skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-possibbiltà li jiġu adattati l-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2027 u r-Regolament (UE) 2021/2116 fir-rigward ta' regoli aktar flessibbli dwar il-pagamenti bil-quddiem b'reazzjoni għaż-żieda fil-prezzijiet tal-fertilizzanti minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv - Deċiżjoni li ssir deroga mill-perijodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-UE - Dikjarazzjoni

Is-Slovakkja talbet li l-istqarrija li ġejja tidħol fil-minuti tal-Kunsill

Is-Slovakkja tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward ta' tip speċifiku ta' intervent biex jiġi pprovdut appoġġ temporanju eċċezzjonali skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-possibbiltà li jiġu adattati l-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2027 u r-Regolament (UE) 2021/2116 fir-rigward ta' regoli aktar flessibbli dwar il-pagamenti bil-quddiem b'reazzjoni għaż-żieda fil-prezzijiet tal-fertilizzanti minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani.

Fl-istess waqt, is-Slovakkja tilqa' emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1173, speċifikament l-Artikolu 7(1), li tagħti lill-Istati Membri aktar flessibbiltà biex isiru pagamenti antiċipati billi tagħti lok għal deroga mill-iskadenza jew billi tippermetti li l-pagament antiċipat isir mingħajr limitu ta' żmien fir-rigward tal-emendar jew l-irtirar ta' applikazzjoni, dment li l-Istat Membru jkollu sistema ta' ġestjoni u kontroll effettiva fis-seħħ, inkluż mekkaniżmi għall-irkupru ta' ammonti imħallsa bi żball.
